MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## NATASHA GALEA SCIBERRAS

Seduta ta' l-10 ta' Ottubru, 2014

Numru. 72/2008

**Il-Pulizija**

**(Spettur Victor Aquilina)**

**vs**

**Andy Calleja**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat Andy Calleja ta' 26 sena, iben Carmelo u Violet nee` Zammit, imwieled il-Pieta` fit-12 ta' Lulju 1980, u fil-prezent detenut fil-Facilita` Korrettiva ta' Kordin, detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 338180(M):

Akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer u cioe` fil-Facilita` Korrettiva ta' Kordin fl-24 ta' Jannar 2007 u fix-xhur ta' qabel:

1. Kellu fil-pussess tieghu d-droga herojina, specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. U aktar talli minghajr l-awtorita` legittima dahhal jew pprova jdahhal f'xi parti tal-konfini tal-habs, droga eroina li hija medicina perikoluza skond l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, bi ksur tal-Artikolu 7 tal-Kap. 260 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. U aktar talli rrenda ruhu recidiv b'diversi sentenzi moghtija minn qrati differenti, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti, inkluz l-ordni ta' l-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101), sabiex din il-kawza tinstema' minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, kif ukoll il-kunsens tal-Avukat Generali ai termini tal-Artikolu 370(4) tal-Kap. 9 sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja;

Rat illi waqt l-ezami tieghu ai termini tal-Artikoli 370(4), 390(1) u 392 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-imputat wiegeb illi mhux hati tal-imputazzjonijiet kif migjuba kontra tieghu;

Rat ukoll illi waqt is-seduta tat-3 ta' Gunju 2013, il-partijiet iddikjaraw li kienu qeghdin jezentaw lil Qorti kif preseduta, milli terga' tisma' l-provi mressqa f'din il-kawza sal-lum quddiem il-Qorti, kif diversament preseduta.

Semghet it-trattazzjoni finali tal-partijiet.

**Ikkunsidrat:**

**Kunsiderazzjonijiet Dwar Htija**

L-ewwel imputazzjoni – pussess ta' droga eroina

Illi jirrizulta mill-provi prodotti illi fl-24 ta' Jannar 2007, waqt spezzjoni li saret minn ufficjali tal-habs fid-divizjoni tlieta, cella numru 130, okkupata minn certu Ronald Rotin, u fil-presenza tal-imputat, instabet droga eroina, kif ukoll affarijiet ohra relatati mal-abbuz tad-droga. Fil-waqt illi l-ufficjali tal-habs jghidu illi d-droga kienet fil-pussess tal-imputat, l-istess imputat, li ghazel illi jixhed f'dawn il-proceduri, jichad dan u jghid illi d-droga ma nstabitx fil-pussess tieghu. Il-Qorti sejra ghalhekk tezamina x-xhieda moghtija mill-ufficjali tal-habs u mill-imputat, sabiex tistabilixxi jekk mill-provi jirrizultax, lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni, illi l-imputat kien fil-pussess tad-droga eroina fil-jum in kwistjoni.

Fix-xhieda tieghu, **PS 1257 Conrad Ellul**[1] qal illi fl-24 ta' Jannar 2007, ghall-habta tal-10.30 a.m., huwa kien gie infurmat mill-awtoritajiet tal-habs li kienet instabet xi sustanza suspettuza. Meta huwa mar fuq il-post, sab lill-Maggur Peter Vella li qallu li dakinhar stess ghall-habta tal-10.00 a.m., hu u CO 169 Barbara dahlu gewwa Divizjoni 3, cella numru 130 li kienet okkupata minn Ronald Rotin u hemm hekk mieghu kien hemm detenut iehor, certu Andy Calleja. Vella avzahom li kienet ser issir spezzjoni fic-cella, meta huwa ra lil Calleja idahhal idu x-xellugija fil-but. Kif kien ser johrog idu, Vella hataflu idu u tefa' lil Calleja fuq is-sodda. Dak il-hin Calleja kellu oggett f'idu li waqa' mal-art u x'hin Vella gabru ra borza tal-*plastic* li kienet tikkontjeni materjal ta' kulur griz u dan f'kaxxa tal-bukkini. Fl-istess cella nstabu wkoll bicciet tal-karti miftuhin u bicca *pipe* tal-kartun uzat. Sussegwentement Vella ghajjat lil CO 87 biex dan isejjah lil PS 276, li da parti tieghu eleva l-oggetti msemmija. Ix-xhud prezenta kopja tar-rapport li dahhal huwa stess.[2] L-istess xhud qal ukoll illi huwa fl-ebda hin ma kellem lil Calleja jew lil Rotin. Fl-istess rapport, hemm indikat ukoll illi apparti l-kaxxa tal-bokkini bit-trab gewwa borza tal-*plastic* li waqghet minn idejn Calleja, fl-istess cella nstabu wkoll bicciet tal-karti miftuhin li kellhom il-forom u liwja tal-qratas, bicciet tal-*foil* mahruqa go kaxxa tal-hadid li tintuza ghas-sigarri u bicca *pipe* tal-kartun uzat.

Fix-xhieda tieghu matul dawn il-proceduri, **il-Maggur Peter Vella**[3] qal illi fl-24 ta' Jannar 2007, ghall-habta tal-11.00 a.m. huwa dahal fic-cella numru 130 ta' Ronald Rotin, f'Divizjoni 3, flimkien ma' CO 169 Josef Barbara. Hemm hekk huwa sab lill-imputat li kellu borza bit-trab f'idu. Qal illi huwa hadlu l-borza minn idu u informa b'dan lil PS 276 Bernard Zahra u ghadda din il-borza lilu. Ix-xhud qal illi t-trab fil-borza kien ta' kulur kannella. Meta rega' gie mistoqsi fejn sab il-borza, ix-xhud irrepeta illi sabha f'idejn l-imputat li kellu kaxxa tal-*plastic* tal-lubretti tas-sigaretti. Mistoqsi jekk Calleja ppruvax jaghmel xi moviment, ix-xhud qal illi l-imputat prova jahtaf il-borza u li hu u CO 169 hatfulu l-borza u ghajjtu lis-Surgent. Xehed ukoll **CO 169 Josef Barbara**[4] li qal illi fil-jum in kwistjoni, saret spezzjoni b'sorpriza fic-cella numru 130 li kienet okkupata minn

[1] A fol. 19 *et seq* tal-process.
[2] A fol. 21 u 22 tal-process.
[3] A fol. 23 *et seq* tal-process.
[4] A fol. 26 *et seq* tal-process.

Ronald Rotin. Fiha kien hemm ukoll l-imputat Calleja. Ghall-ewwel ix-xhud qal illi z-zewg detenuti kellhom trab kannella f'kaxxa tal-*filters* tat-tabakk, izda wara meta gie mistoqsi ghaliex kien qed jirreferi ghaz-zewg detenuti, huwa spjega li fic-cella kien hemm iz-zewg detenuti u li fil-waqt illi l-kaxxa kienet x'imkien fuq il-mejda, it-trab kien f'idejn l-imputat. Qal illi huma talbu lill-imputat sabiex jaghtihielhom u huma haduhielu minn idu, ghaliex kompla jwebbes idejh.

Mir-relazzjoni tal-**espert Godwin Sammut**[5], jirrizulta illi huwa gie mghoddi s-segwenti d-dokumenti ghall-iskop tal-analizi u cioe` i) kaxxa tal-*plastic* li fiha zewg bicciet tal-*plastic* trasparenti u li wahda minnhom kien fiha trab ta' lewn kannella; ii) kaxxa zghira tal-landa li kien fiha zewg bicciet *aluminium foil* b'xi ticpis ta' lewn iswed; u iii) hmistax-il bicca tal-karti, 2 bicciet tal-kartun ta' lewn ahdar fuq naha wahda, bicca *aluminium foil* b'xi ticpis ta' lewn iswed u karta rromblata b'xi ticpis ta' lewn iswed fuq gewwa. Mill-konkluzjonijiet tal-istess espert jirrizulta illi a) fuq estratt mehud mit-ticpis ta' lewn iswed li hemm fil-karta rrumblata indikata fil-paragrafu (iii), instabet is-sustanza eroina; b) fuq *swabs* mehuda mill-*aluminium foils* indikati fil-paragrafi (ii) u (iii) ma nstabitx droga jew xi tip ta' sustanza ohra; c) fuq estratti mehuda mit-trab ta' lewn kannella f'paragrafu (i), instabet is-sustanza eroina. Il-piz tat-trab kien ta' 3.07 grammi u l-purita` kienet ta' cirka 14%.[6]

Mir-relazzjoni ta' **PS 659 Jeffrey Hughes**[7], li gie mahtur bhala *Scene of the Crime Officer* fil-mori tal-inkjesta dwar dan il-kaz, jirrizulta illi minn fuq id-dokumenti li gew mghoddija lilu mill-espert Godwin Sammut, gew zviluppati erba' mpronti digitali fuq zewg bicciet karti ossia fuq tnejn mit-tlettax il-bicca karta simili ghal xulxin. Altrimenti fuq il-kaxxa tal-plastic li kienet tikkontjeni z-zewg bicciet *plastic* trasparenti, fuq il-kaxxa tal-metall (tas-sigarri) li kienet tikkontjeni zewg bicciet *foil* b'ticpis iswed u fuq il-*foil* b'ticpis iswed, bicca karta rrumblata f'forma ta' sigarett b'ticpis iswed, zewg bicciet kartun ta' lewn iswed

[5] A fol. 31 *et seq* tal-process verbal li jinsab esebit a fol. 32 tal-process.
[6] L-espert Godwin Sammut ikkonferma r-relazzjoni tieghu fis-seduta tat-2 ta' April 2009 (a fol. 33 *et seq* tal-process).
[7] Esebita a fol. 56 *et seq* tal-process.

min-naha u abjad min-naha l-ohra, zewg karti zghar ikkuluriti u fuq il-bqija tal-bicciet tal-karti simili ghal xulxin (ir-rimanenti hdax), ir-rizultat kien wiehed fin-negattiv, fis-sens illi ma gewx zviluppati mpronti digitali fuq dawn id-dokumenti.

Mix-xhieda u mir-relazzjoni tal-espert **Joseph Mallia**[8], li gie nominat fil-mori ta' dawn il-proceduri sabiex jaghmel ezami komparattiv bejn l-impronti hekk elevati minn PS 659 Jeffrey Hughes u l-impronti tal-imputat, jirrizulta illi tnejn minn dawn l-impronti ma kinux tajbin ghal fini ta' komparazzjoni u identifikazzjoni u ghalhekk ma setghux isiru ezamijiet fuqhom, fil-waqt li z-zewg impronti l-ohrajn ma kinux jaqblu mal-impronti (*finger prints* u *palm prints*) tal-imputat.

Xehed ukoll **PS 1211 Richard Zammit**[9] li qal illi fil-data tal-incident mertu ta' dan il-kaz, l-imputat kien qieghed il-habs jiskonta sentenza ta' ghomru l-habs u prezenta kopja ta' *ticket* li juri li l-imputat inghata l-piena ta' ghomor habs permezz ta' sentenza tad-9 ta' Gunju 2005. Vera kopja ta' din is-sentenza giet esebita a fol. 62 *et seq* tal-process.

Fl-istqarrija tieghu tad-9 ta' April 2007, wara li nghata s-solita twissija li ma kienx obbligat li jitkellem sakemm ma jkunx jixtieq li jaghmel dan, imma dak li jghid jista' jingieb bi prova, **l-imputat** ghazel li jezercita d-dritt tieghu li jibqa' sieket u ma wegibx ghad-domandi maghmula lilu.[10] Madankollu, huwa ghazel li jixhed matul dawn il-proceduri. Fix-xhieda tieghu[11], huwa qal illi fil-jum in kwistjoni, huwa ma kellux droga fuqu u ma rema xejn mal-art. Mistoqsi ta' min kienet id-droga li nstabet, huwa qal illi dakinhar kienu tnejn fic-cella, li lilu ttehdulu l-*finger prints* u li fuq id-droga sabu l-*finger prints* ukoll. Qal li dakinhar infetah il-bieb tac-cella, fejn kien hemm hu u Rotin u dahlu *rush* ta' ufficjali. L-ufficjali tefghuh fuq is-sodda, imbaghad tefghuh mal-art, izda hu ma

[8] A fol. 86 *et seq* tal-process.
[9] A fol. 35 *et seq* tal-process.
[10] A fol. 16 *et seq* tal-process.
[11] A fol. 93 *et seq* tal-process.

bediex jara lil Rotin. Jghid li lill-iehor ghamlulu l-istess. Imbaghad bdew gejjin izjed ufficjali u sabu d-droga mal-art, kif ukoll affarijiet relatati mad-droga, li dwarhom Rotin ammetta li kienu tieghu. Mistoqsi jekk fil-hin li l-ufficjali qalu li sabu d-droga mal-art, qalulux li remiha mill-but, huwa wiegeb fin-negattiv u li lilu dak il-hin ma gibdulux l-attenzjoni dwar dan. Qal illi huwa qieghed jiskonta piena ta' ghomor il-habs. Mistoqsi mill-Qorti jekk kienx ra d-droga mal-art, huwa wiegeb fin-negattiv u qal li din kienet kamra zghira u fiha kien hemm hafna nies u ufficjali tal-habs. Jekk kien hemm droga, kien hemm ftit, la hu ma rahiex. Lilu imbaghad harguh mill-kamra u baqghu hemm l-ufficjali tal-habs. Fuq mistoqsija tal-Qorti, l-imputat qal illi lil Rotin qatt ma rah b'xi haga suspettuza f'idejh. Huma ma kinux jghixu fl-istess cella, izda kienu jzuru lil xulxin fic-celel rispettivi taghhom. Sussegwentement, dwar Rotin, l-imputat qal illi jaghzel li ma jwegibx dwaru, imbaghad qal ukoll illi fl-istqarrija tieghu, Rotin kien qal illi l-affarijiet li nstabu kollha kienu tieghu. Qal illi hu ma rahx lil Rotin, izda kien ra l-istqarrija tieghu. Rega' qal illi meta kien fic-cella ta' Rotin, huwa ma jidhirlux li rah b'xi affarijiet u wara qal li ma rahx. Wara li nizel mill-pedana tax-xhieda, dakinhar stess, l-imputat talab illi jerga' jitla' jixhed sabiex jiccara parti mix-xhieda tieghu, liema talba giet milqugha mill-Qorti. F'din ix-xhieda[12], l-imputat qal illi huma kienu tnejn fil-kamra u lil Rotin gieli rah jaghmel xi haga, izda ma setax jikkonferma jekk din kinitx droga jew le. Mistoqsi jekk id-droga kinitx ta' Rotin, huwa wiegeb "*mhux hekk la ma kinitx tieghi*". Qal li kien jaf x'inhuma l-affarijiet relatati mad-droga u mistoqsi jekk rahomx f'idejn Rotin, huwa qal li ma kienu sabu xejn fuqu, izda li sabu kien fuq Rotin. Qal li f'idejn Rotin gieli ra affarijiet suspettuzi u cioe` affarijiet relatati ma' droga. Qal li fir-rigward tal-affarijiet li nstabu dakinhar, kien hemm xi affarijiet li rahom f'idejn Rotin, izda dakinhar ma kienx rahom qabel. Qal illi dakinhar huwa kien qed jiehu kafe` ghand Rotin u li qatt m'abbuza mid-droga ma' Rotin.

**Il-*Manager* Mario Zahra[13]** xehed illi dwar il-kaz tal-24 ta' Jannar 2007 u skond ir-*records* li kien inghata minn PC 762 stazzjonat gewwa l-Facilita` Korrettiva ta' Kordin, l-imputat ma kienx inghata *remission* u ma ttiehdux passi dixxiplinarji kontrih mill-awtoritajiet tal-habs.

[12] A fol. 100 *et seq* tal-process.
[13] A fol. 104 *et seq* tal-process.

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

Illi fl-ewwel lok il-Qorti tirrileva illi mill-process verbal redatt dwar dan il-kaz u esebit fl-atti, jirrizulta illi l-Magistrat Inkwiretni, b'digriet tieghu tal-24 ta' Jannar 2007, kien innomina, fost ohrajn, lill-Avukat Dottor Stefano Filletti bhala perit tekniku sabiex jirrelata dwar il-fatti kollha relevanti ghall-kaz. Imkien mid-digriet ta' din in-nomina jew mill-atti tal-process verbal ma jirrizulta illi l-Magistrat Inkwirenti kien innomina lill-istess perit tekniku sabiex jigbor ix-xhieda bil-gurament. Jirrizulta wkoll madankollu mir-relazzjoni tal-perit tekniku illi huwa sema' bil-gurament, ix-xhieda ta' SCO Peter Vella u CO 169 Johan Barbara ossia l-ufficjali tal-habs li ghamlu t-tfittxija fic-cella in kwistjoni.

Fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Amadeo Busuttil</u>** tat-28 ta' Novembru 2013, il-Qorti qalet hekk dwar sitwazzjoni simili:

*"Il-Magistrati jridu jifhmu kemm huwa mportanti li jkunu precizi fin-nomini taghhom u liema espert ghandu l-fakulta` illi jiehu x-xhieda bil-gurament u liema m'ghandux. Peress illi l-Ligi stess tesigi illi l-espert ghandu jkollu tali fakulta specifikament imsemmija fin-nomina tal-hatra. Issa fil-kaz tas-Scene of the Crime Officers il-fakulta` li jisimghu x-xhieda bil-gurament hija ntrinsika fin-nomina taghhom u f'dawn il-kazi l-magistrat m'ghandux ghalfejn kull darba jnizzel illi l-esperti mahtura qeghdin ikunu wkoll moghtija l-fakulta` jisimghu x-xhieda bil-gurament. F'kazijiet ohra pero` din l-awtorizzazzjoni ma tistax tigi prezunta u trid tirrizulta mill-Atti. F'dan il-kaz sfortunatament, "lapsus calami" jew mhux, it-tekniku John Sacco ma giex moghti l-fakulta` illi jisma' x-xhieda bil-gurament. Jista' jaghti l-kaz pero` kif jigri ta' spiss, illi din il-fakulta` tkun giet moghtija lill-espert verbalment, dan il-Magistrat jista' jaghmlu ghad illi jrid pero` jirrizulta minn x'imkien, imqar per ezempju mill-istess deposizzjonijiet tax-xhieda illi jkunu qeghdin jiddikjaraw illi qeghdin jaghtu x-xhieda taghhom bil-gurament. A fol. 102 tal-process il-Magistrat jghid illi Sacco ndika li din ix-*

*xhieda kienet qed tittiehed bil-gurament ta' kull xhud u quddiem din il-Qorti wkoll rega` qal hekk. Pero`, mgharraf bil-mod kif giet redatta n-nomina tieghu, l-espert irrimarka li hu qatt ma ra n-nomina u ma kienx jaf li fil-fatt ma giex moghti l-fakolta` li jaghti l-gurament. Mexa skond il-prassi u assuma li kellu tali fakolta`. Jidher li dan il-"lapsus calami" ma giex kommess biss mill-Magistrat Inkwirenti izda gie perpetwat tul l-iter tal-kawza mill-espert tekniku u mill-Magistrat fl-Istruttorja li kellu l-fakolta' jissana n-nomina imma minn dan ma sar xejn biex issa wasalna fl-istadju ta' "quod nullum est, nullum producit effectum".*

Issa f'dan il-kaz, kif inghad, fil-waqt illi l-perit tekniku l-Avukat Dottor Stefano Filletti sema' x-xhieda tal-Ufficjali tal-habs imsemmija bil-gurament u fir-relazzjoni tieghu, prezentata fl-atti tal-inkjesta in kwistjoni, jindika fl-ewwel pagna tal-istess relazzjoni tieghu, illi huwa kien gie nominat sabiex jirrelata wara li jisma' x-xhieda bil-gurament[14], madankollu, minn imkien ma jirrizulta illi l-Magistrat Inkwirenti kien innominah proprju sabiex jisma' tali xhieda bil-gurament. Kif inghad kemm mid-digriet tan-nomina tieghu[15], kif ukoll mill-process verbal redatt mill-Magistrat Inkwirenti[16], din il-fakulta` ma tirrizultax. X'aktarx li dan kien zball genwin u li l-Magistrat Inkwirenti fil-fatt ried illi l-perit tekniku jinghata din il-fakulta` tant illi l-istess Magistrat Inkwirenti fil-konkluzjonijiet tieghu fil-process verbal jirreferi pjenament ghal dak li rrizulta lill-perit tekniku mix-xhieda li dan sema' u x'aktarx ukoll illi l-perit tekniku mexa skond il-prassi u assuma li kellu tali fakulta`. Biss kif inghad fis-sentenza citata, din l-awtorizzazzjoni ma tistax tigi prezunta u trid tirrizulta specifikatament mill-atti. F'dan il-kaz, anke jekk x'aktarx dan kien zball genwin, il-perit tekniku ma giex moghti l-fakulta` li jisma' x-xhieda bil-gurament u l-fatt illi huwa ghamel dan, ma jistax iwassal ghall-konkluzjoni illi allura huwa necessarjament kien inghata din il-fakulta`. Ghaldaqstant il-Qorti qed tiskarta x-xhieda hekk migbura mill-perit tekniku, l-Avukat Dottor Stefano Filletti.

---

[14] A fol. 11 tal-process verbal.
[15] A fol. 7 tal-process verbal.
[16] Ara a fol. 1 tal-istess process verbal.

Issa mill-provi prodotti, mhux ikkontestat illi fil-jum in kwistjoni saret spezzjoni fic-cella numru 130 gewwa Divizjoni 3, f'liema cella dak il-hin kien hemm l-imputat u d-detenut li kien jokkupa l-istess cella ossia Ronald Rotin. Il-Maggur Peter Vella jghid illi l-imputat kellu borza bit-trab f'idu u li huwa hadlu l-borza minn idu u li l-istess imputat kellu kaxxa tal-*plastic* tal-lubretti tas-sigaretti. L-imputat prova jahtaf il-borza, izda hu u CO 169 hatfulu din il-borza. CO 169 ukoll jghid illi t-trab kien f'idejn Andy Calleja, li huma qalulu biex jaghtihulhom u huma haduha minn idejh, ghalkemm skond CO 169 dan beda jwebbes idejh. Issa mill-kopja tar-rapport redatt minn PS 1257, prezentata minnu stess, tirrizulta l-verzjoni originali moghtija mill-istess ufficjali tal-habs lis-Surgent imsemmi meta huwa mar fuq il-post dakinhar tal-incident. Naturalment, dak li jirrizulta mill-istess rapport jista' jitqies biss bhala prova ta' dak li ntqal dakinhar mill-istess Ufficjali tal-habs lil PS 1257 u mhux bhala prova tal-verita` ta' dak li ntqal lilu. Biss meta wiehed iqabbel dak li rrappurtaw l-Ufficjali tal-habs *a tempo vergine* lil PS 1257 u dak li huma jghid li sehh, fix-xhieda taghhom f'dawn il-proceduri, ghalkemm jirrizultaw xi diskrepanzi, dawn m'humiex tali li jitfghu dubju dwar dak li huma jghidu li raw jew sabu l-istess Ufficjali tal-habs fil-pussess tal-imputat. Fil-fatt ghalkemm fix-xhieda taghhom huma jghidu li l-imputat kellu borza bit-trab f'idu u li hadulu l-borza minn idu, fil-waqt illi l-Maggur Peter Vella jghid ukoll illi l-imputat kellu kaxxa tal-*plastic* tal-lubretti tas-sigaretti, jirrizulta li originarjament l-istess Maggur Vella kien qal lil PS 1257 illi huwa ra lill-imputat idahhal idejh ix-xellugija fil-but u kif kien ser johrogha, huwa hataflu idu u tefghu fuq is-sodda. Dak il-hin l-imputat kellu oggett f'idu, liema oggett waqa' mal-art u x'hin gabru l-Maggur ra materjal ta' kulur griz go borza tal-*plastic* f'kaxxa tal-bokkini. L-imputat stess fix-xhieda tieghu jghid illi huwa gie mitfugh fuq is-sodda mill-ufficjali tal-habs, ghalkemm jichad li huwa kellu xi droga fuqu dakinhar jew li rema xi oggett mal-art. Il-Qorti jidhrilha kif inghad illi d-diskrepanzi bejn iz-zewg verzjonijiet m'humiex tali li joholqu dubju, ghaliex kemm fir-rapport originali tal-Maggur Vella lil PS 1257, kif ukoll fix-xhieda taghhom quddiem il-Qorti, dawn jindikaw illi huma <u>raw</u> l-oggett li effettivament wara rrizulta li kien droga eroina, f'idejn l-imputat. Issa jekk huma fil-fatt hadux l-oggett direttament minn idejn l-imputat, kif jghidu fix-xhieda taghhom, jew inkella gabruhx minn mal-art <u>wara</u> li dan kien f'idejn l-imputat, kif qal originarjament il-Maggur Vella lil PS 1257, huwa immaterjali. Kien ikun xort'ohra kieku per ezempju l-ufficjali tal-habs f'xi stadju indikaw li

raw biss l-oggett mal-art, ghaliex dan seta' jqajjem dubju dwar ta' min kien effettivament dan l-oggett, la darba kien hemm zewg detenuti fic-cella in kwistjoni. Izda fix-xhieda taghhom, huma jghidu specifikatament illi raw lill-imputat b'borza bit-trab f'idu u kif jghid il-Maggur Peter Vella, li dan kellu wkoll kaxxa tal-*plastic* tal-lubretti tas-sigaretti, apparti illi kif inghad, anke *a tempo vergine*, il-Maggur Vella irrapporta illi l-imputat kellu oggett f'idu li waqa' mal-art u dan b'referenza ghal sustanza li kienet go borza tal-*plastic* f'kaxxa tal-bokkini, liema sustanza wara rrizulta li kienet droga eroina.

Issa minkejja li fir-rapport originali taghhom lil PS 1257, l-ufficjali tal-habs jindikaw li fic-cella nstabu wkoll diversi oggetti ohrajn relatati mal-abbuz tad-droga, liema oggetti huma deskritt fl-istess rapport, dawn l-oggetti ma jissemmewx mill-ufficjali tal-habs fix-xhieda taghhom. Biss kemm mir-relazzjoni tal-espert Godwin Sammut, kif ukoll mir-relazzjoni tal-espert PS 659 Jeffrey Hughes, jirrizulta illi huma analizzaw l-istess oggetti li gew deskritti fl-imsemmi rapport. Anke l-imputat jghid fix-xhieda tieghu, li fic-cella nstabu affarijiet relatati mal-abbuz tad-droga, li skond hu, assuma r-responsabilita` ghalihom id-detenut l-iehor Ronald Rotin. Fil-fatt irid jinghad illi dak li jirrizulta addebitat lill-imputat mill-Ufficjali tal-habs fix-xhieda taghhom hija biss id-droga, ghaliex altrimenti l-oggetti l-ohrajn ma jissemmewx minnhom f'din ix-xhieda. Dwar dan fil-fatt irid jinghad ukoll illi fit-trattazzjoni finali taghha, id-difiza ssostni illi mir-relazzjoni tal-espert Joseph Mallia, jirrizulta illi tnejn mill-impronti li nstabu fuq l-oggetti misjuba fic-cella ma kinux tal-imputat (fil-waqt li z-zewg impronti l-ohrajn kienu neqsin mill-punti karatteristici li jwasslu ghall-komparazzjoni u identifikazzjoni) u ghalhekk skond id-difiza, m'hemmx prova illi d-droga misjuba kienet tieghu. Biss jirrizulta kemm mir-relazzjoni tal-espert PS 659 Jeffrey Hughes, kif ukoll mir-relazzjoni tal-espert Joseph Mallia, illi d-dokument li fuqhom instabu erba' impronti u li tnejn minnhom kienu tajbin ghal finijiet ta' komparazzjoni u identifikazzjoni, liema impronti mbaghad instabu li ma kinux dawk tal-imputat, kienu zewg karti minn tlettax-il karta b'daqs simili li jidher li nstabu wkoll waqt l-istess tfittxija, izda li fir-rigward taghhom ma jirrizultax car fejn dawn instabu. Li huwa zgur hu illi dawn l-impronti li jirrizulta li ma kinux tal-imputat ma nstabux fuq id-droga li nstabet fil-pussess tieghu jew tal-inqas fuq il-kaxxa tal-bokkini li jsemmi l-Maggur Vella

li skond hu, wkoll kienet fil-pussess tal-imputat. Ghalhekk din il-konkluzjoni tal-espert Joseph Mallia ma teskludi bl-ebda mod illi fil-fatt id-droga eroina kienet fil-pussess tal-imputat.

Il-Qorti fliet ukoll bir-reqqa x-xhieda moghtija mill-istess imputat f'dawn il-proceduri. L-istess imputat jipprova jaghti l-impressjoni li fic-cella dahhlu skoss ufficjali f'salt u li ghalhekk kien hemm konfuzjoni shiha fil-hin tat-tfittxija, li lilu tefghuh fuq is-sodda, donnu ghalxejn b'xejn, li lil Rotin huwa ma bediex jarah, ghalkemm f'hin minnhom jghid ukoll illi anke lil Rotin tefghuh fuq is-sodda jew mal-art. Dan jindika li lil Rotin kien qed jarah ukoll. Issa apparti li mix-xhieda tal-Maggur Peter Vella jirrizulta illi fic-cella fil-bidu dahlu biss hu u CO 169 Josef Barbara u li kien wara s-sejba tad-droga li gie infurmat b'dan PS 276, f'hin minnhom fix-xhieda tieghu, l-imputat jghid ukoll illi <u>wara</u> li gie mitfugh fuq is-sodda bdew gejjin izjed ufficjali u kien wara dan kollu li nstabet id-droga mal-art. Bir-rispett kollu, il-Qorti ma tqisx ix-xhieda tal-imputat bhala kredibbli. Huwa jghid li nfethet ic-cella u dahlu *rush* ta' ufficjali u mbaghad wara li donnhom dawn tefghuh fuq is-sodda ghalxejn, regghu dahlu izjed ufficjali u kien biss wara din il-kommozzjoni kollha, li nstabet id-droga mal-art. Il-Qorti tifhem illi wara li saret is-sejba setghu dahlu xi ufficjali ohrajn fic-cella, izda li fic-cella jidhlu skoss ufficjali ghal darba tnejn u dan meta, kif jghid l-imputat, kien ghadu ma nstab xejn, m'hijiex verzjoni kredibbli jew attendibbli. Fil-fehma tal-Qorti, hija izjed kredibbli x-xhieda tal-Maggur Vella fis-sens illi dahlu hu u CO 169 fic-cella sabiex jaghmlu tfittxija u li hekk kif huma raw id-droga fil-pussess tal-imputat u din giet elevata minnhom, gie msejjah ufficjal iehor sabiex jigi elevat dak li nstab. In oltre il-Qorti tinnota illi fix-xhieda tieghu, l-imputat huwa evaziv f'xi whud mit-twegibiet tieghu, imbaghad filli jghid illi lil Rotin qatt ma kien rah b'affarijiet relatati mal-abbuz tad-droga, imbaghad jghid illi gieli rah jaghmel xi haga, izda ma jistax jikkonferma jekk hux droga jew le, imbaghad jghid li kien qed jirreferi ghad-droga u la d-droga ma kinitx tieghu, allura kienet ta' Rotin, imbaghad jghid li fuqu ma sabu xejn, izda li sabu kien fuq Rotin, meta fl-ewwel parti tax-xhieda tieghu jghid illi lil Rotin ma kienx qed jarah u li ma jafx x'instab ghaliex huwa nhareg mic-cella u mbaghad fl-ahhar jghid li lil Rotin gieli rah b'affarijiet relatati mal-abbuz tad-droga. Issa veru illi x'aktarx l-imputat kien qed ihossu skomdu illi jikxef lil detenut iehor, izda anke

wara li ttella' jixhed it-tieni darba specifikatament sabiex jiccara x-xhieda tieghu, xorta wahda baqa' evasiv u filli jghid li ma jistax jikkonferma li l-affarijiet li kien jara f'idejn Rotin kienet droga u filli jghid illi kienu affarijiet relatati mad-droga.

Issa fil-fatt kif inghad izjed il'fuq, l-unika haga li giet imputata lill-imputat mill-Ufficjali tal-habs fix-xhieda taghhom hija s-sustanza li huma nnutaw f'idejh u li jirrizulta illi kienet droga eroina. Altrimenti fir-rigward tal-oggetti l-ohrajn m'hemmx prova cara dwar fejn ezattament instabu dawn l-oggetti. Biss dwar id-droga eroina li nstabet, ghar-ragunijiet fuq moghtija, il-Qorti ssib il-verzjoni moghtija mill-Ufficjali tal-habs izjed kredibbli u attendibbli minn dik moghtija mill-imputat. In oltre il-Qorti m'ghandha l-ebda raguni ghalfejn tiddubita minn dak li jghidu li raw l-Ufficjali tal-habs meta dahlu fic-cella in kwistjoni. Ghaldaqstant, il-Qorti tqis illi l-ewwel imputazzjoni migjuba kontra l-imputat tirrizulta pruvata fil-grad rikjest mil-ligi, ghalkemm dan biss b'referenza u limitatament ghall-24 ta' Jannar 2007 u mhux ghax-xhur ta' qabel, ghaliex fir-rigward ta' dan il-perjodu ma tirrizulta assolutament l-ebda prova.

<u>It-tieni imputazzjoni – minghajr awtorita` legittima, l-imputat dahhal id-droga eroina gewwa l-habs</u>

Fir-rigward tat-tieni imputazzjoni, ma ngabu assolutament l-ebda provi illi juru li kien l-imputat li dahhal gewwa l-habs, id-droga eroina li nstabet fil-pussess tieghu. Ghaldaqstant, l-imputat qed jigi liberat minn din l-imputazzjoni.

<u>It-tielet imputazzjoni – l-addebitu tar-recidiva</u>

Permezz tal-imputazzjoni (c), l-imputat gie addebitat ukoll bir-recidiva. Fir-rigward ta' dan l-addebitu, il-Prosekuzzjoni esebiet fl-ewwel lok, vera kopja ta' sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali datata 28 ta' Jannar 1999, fl-

ismijiet **Il-Pulizija vs John Azzopardi –omissis-**.[17] L-istess sentenza fil-fatt hija sentenza moghtija fil-konfront ta' John Azzopardi biss, ghalkemm minn qari ta' din is-sentenza jidher illi s-sentenza tal-ewwel Qorti li minnha kien qed jappella l-istess Azzopardi, kienet inghatat kemm fil-konfront tieghu, kif ukoll fil-konfront ta' certu Andy Calleja. Ghalhekk is-sentenza esebita m'ghandha l-ebda rilevanza ghal kaz odjern. Il-Prosekuzzjoni esebiet ukoll sentenza ohra, moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs John Azzopardi u Andy Calleja**, datata 30 ta' Settembru 1998. Minn din is-sentenza madankollu ma jirrizultawx il-konnotati tal-appellati u lanqas ma tressqet prova li l-appellat Andy Calleja f'dik is-sentenza kien proprju l-imputat odjern. Mill-verbal tas-seduta li fiha giet esebita din is-sentenza mill-Ufficjal Prosekutur, lanqas ma jirrizulta illi d-difiza ezentat lill-Prosekuzzjoni milli tressaq xhieda tal-identita` tal-appellat fis-sentenza msemmija.

Fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-9 ta' Lulju 2012, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Darmanin**, inghad hekk:

*"Skont ġurisprudenza kostanti, il-prova tar-reċidiva – sakemm ma jkunx hemm ammissjoni – hija: "billi tiġi esibita kopja uffiċjali tas-sentenza relattiva u wara issir il-prova tal-identita`. L-obbligu tal-prosekuzzjoni li tesibixxi dawk is-sentenzi jibqa' dejjem minkejja l-eżenzjoni mogħtija mill-akkużat li tipproduċi prova tal- identita`. Jekk ma tiġix esebita jew prodotta tali prova permezz tal-kopja uffiċjali tas-sentenza li tissemma fl-akkuża, allura wieħed ma jistax jgħid li saret l-aħjar prova dwar jekk verament preċedentement l-akkużat kienx ikkommetta xi reat ieħor li tiegħu ġie misjub ħati.*

*Għalkemm il-fedina penali tista' tittieħed in konsiderazzjoni mill-Qrati ta' Ġustizzja Kriminali biex ikunu jistgħu jikkalibraw il-piena, l-imputazzjoni tar-reċidiva dejjem tinneċessita li ssir il-prova tal-kundanna jew kundanni preċedenti.""*

[17] A fol. 40 *et seq* tal-process.

F'din is-sentenza, il-Qorti ziedet tghid hekk:

*"Ma' din is-silta mis-sentenza li għaliha saret riferenza l-Qorti qed iżżid li l-prova tar-reċidiva, barra mill-ammissjoni tal-imputat innifsu, tista' ssir ukoll billi tkun prodotta kopja tas-sentenza li jkun hemm indikat fiha n-numru tal-identita'. Dan in-numru jkun jista' jitqabbel ma' dak li jkollu l-imputat jew l-akkużat. Ma jistax ikun hawn żewġ persuni li jkollhom l-istess numru tal-identita`".*[18]

Ghaldaqstant, lanqas permezz ta' din is-sentenza, ma gie ppruvat sodisfacentement l-addebitu tar-recidiva.

Il-Prosekuzzjoni imbaghad esebiet sentenza ohra tal-Qorti tal-Appell Kriminali, fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs Andy Calleja –omissis-**, datata 9 ta' Gunju 2005. Ghalkemm minn din is-sentenza ma jirrizultawx il-konnotati tal-appellant f'dak il-kaz, mill-verbal tas-seduta tat-28 ta' Mejju 2010, jirrizulta illi d-difiza ezentat lill-prosekuzzjoni milli ttella' prova tal-identita` u dan fir-rigward tas-sentenza esebita. Issa minn din is-sentenza, jirrizulta illi l-imputat kien inghata sentenza ta' ghomor il-habs permezz ta' sentenza moghtija mill-Qorti Kriminali fit-3 ta' Gunju 2004, liema sentenza giet ikkonfermata permezz tas-sentenza hekk esebita. Ghaldaqstant, il-Qorti qed issib lill-imputat hati tal-addebitu tar-recidiva.

**Kunsiderazzjonijiet dwar Piena**

Illi ghal fini ta' piena, il-Qorti hadet in kunsiderazzjoni fl-ewwel lok, il-fedina penali tal-imputat fiz-zmien tar-reat odjern, liema fedina penali hija wahda

[18] Ara wkoll f'dan is-sens is-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Paul Abela** moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-10 ta' Settembru 2004.

refrattarja u tinkludi varji kundanni, fosthom wahda dwar serq aggravat b'omicidju volontarju, dwar liema l-imputat gie kkundannat ghal piena ta' ghomor il-habs, u ohrajn dwar serq aggravat (f'zewg okkazzjonijiet ohrajn), hsara volontarja u korruzzjoni ta' minorenni, fost reati ohrajn. Fir-rigward ta' kundanni dwar reati li jinvolvu d-droga, l-imputat jidher illi kien instab hati ta' pussess illegali ta' medicina psikotropika u ristretta u f'okkazzjoni ohra dwar pussess illegali tal-*cannabis*, dwar liema reati huwa kien inghata piena ta' multa, ghalkemm dawn ir-reati fil-fatt imorru lura ghas-snin 1997 u 1998.

Il-Qorti qieset ukoll illi l-ammont ta' droga eroina misjuba fil-pussess tal-imputat kien ta' 3.07 grammi – ammont li ma huwiex daqstant negligibbli tenut kont ukoll tal-fatt illi l-imputat kien gewwa l-Facilita` Korrettiva ta' Kordin - b'purita` ta' cirka 14%.

Ikkunsidrat ukoll illi r-reati odjerni gew kommessi mill-imputat meta huwa kien prigunier gewwa l-Facilita` Korrettiva ta' Kordin u ghaldaqstant japplikaw fir-rigward tieghu d-disposizzjonijiet tal-Artikolu 33A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fis-sens illi meta jsir xi reat minn persuna waqt li jkun prigunier, il-piena ghal dak ir-reat fil-kaz ta' sejbien ta' htija, ghandha tizdied bi grad jew tnejn, u d-disposizzjonijiet tal-artikoli 21, 28A u tal-Att dwar il-*Probation* m'ghandhomx japplikaw.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat it-Taqsimiet IV u VI, l-Artikoli 22(1)(a) u 22(2)(b)(ii) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Artikoli 31, 33A, 49 u 50 tal-Kap. 9, ir-Regolament 9 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 101.02 u l-Artikolu 7 tal-Kap. 260 tal-Ligijiet ta' Malta, qed issib lill-imputat mhux hati tal-imputazzjoni (b) migjuba fil-konfront tieghu u qed tilliberah minnha, fil-waqt illi qed issibu hati tal-imputazzjoni (a), limitatament ghall-24 ta' Jannar 2007 u tal-imputazzjoni (c) ossia tal-addebitu tar-recidiva u tikkundannah ghal **piena ta' ghaxar xhur prigunerija effettiva**.

Ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9, il-Qorti qed tikkundanna lill-hati ghall-hlas tal-ispejjez konnessi mal-esperti mahtura fl-istadju tal-process verbal tal-inkjesta u matul dawn il-proceduri, salv ghar-ragunijiet fuq moghtija ghall-ispejjez konnessi mar-relazzjoni tal-perit tekniku l-Avukat Dottor Stefano Filletti, u qeghda ghalhekk tikkundannah sabiex ihallas l-ispejjez konnessi mar-relazzjoni tal-espert Godwin Sammut, liema spejjez jammontaw ghas-somma ta' mitejn, tnejn u tletin Euro u sitta u disghin centezmu (€232.96), l-ispejjez konnessi mar-relazzjoni ta' PS 659 Jeffrey Hughes, ammontanti ghas-somma ta' wiehed u hamsin lira Maltin (Lm51) ekwivalenti ghas-somma ta' mija u tmintax-il Euro u tmenin centezmu (€118.80) u l-ispejjez konnessi mar-relazzjoni tal-espert Joseph Mallia, ammontanti ghas-somma ta' erba' mija, tmienja u erbghin Euro u sebgha u tmenin centezmu (€448.87), liema spejjez b'kollox jammontaw ghas-somma ta' tminn mitt Euro u tlieta u sittin centezmu (€800.63) u ghandhom jithallsu mill-hati fi zmien sentejn mil-lum, b'dan illi jekk il-hati jonqos li jhallas dan l-ammont jew parti minnu fiz-zmien lilu preskritt, l-ammont jew il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta' jum habs ghal kull hdax-il Euro u hamsa u sittin centezmu (€11.65) dovut.

Finalment il-Qorti tordna d-distruzzjoni tad-droga u l-affarijiet relatati mal-abbuz tad-droga, esebiti fl-atti tal-process verbal bin-numru 758/07, redatt mill-Magistrat Dr. Silvio Meli, hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi *proces-verbal* li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta' din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------